**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

**GUDIKATUR: DR AUDREY J. DEMICOLI, LL.D.**

**SEDUTA TA' NHAR IL-GIMGHA 1 TA' MARZU, 2002**

**Avviz Nru: 198/02 AJD**

**The Golden Shepherd Group Ltd.**

**vs**

**Christine Formosa**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-30 ta' Jannar, 2002, fejn gie mitlub li l-konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' mitejn u hamsa u tletin lira Maltin u sitta u tmenin centezmu (Lm235.86) rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' servizzi u kura medika provduti lill-konvenuta fuq ordnijiet taghha stess u dan skond Invoices Numru 999003, 999004, 999014 (Dok. A, B u C). Il-konvenuta giet interpellata diversi drabi sabiex thallas ghas-servizzi u kura msemmija u xorta baqghet inadempjenti.
Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra bonarja tal-4 ta' Gunju, 2001 (Dok. D), u bl-imghaxijiet kummercjali mid-data tal-interpellanza sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-konvenuta.

Ra li l-konvenuta debitament notifikata, baqghet ma deheritx u lanqas ma prezentat risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda ta' John Depasquale, rapprezentant tas-socjeta' attrici, li kkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esibiti.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' mitejn u hamsa u tletin lira Maltin u sitta u tmenin centezmu (Lm235.86) bl-imghaxijiet kif mitluba.

L-ispejjes ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenuta skond il-Ligi.

**Avukat Dr. Audrey J. Demicoli**
**Gudikatur.**